**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 TA' LULJU, 2002**

**Avviz Numru 1223/02 AJD**
**Eugenio D'Amato**

**vs**

**Doris Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl- 10 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000.00) rappresentanti ammont msluf lill-konvenuta brevi manu.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 2002 u tal-mandat ta' qbbid bin-numru 1034/02JA, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, u ghalkemm inghatat diversi opportunitajiet sabiex tipprezenta risposta, naqset milli taghmel dan.

Sema' x-xhieda tal-attur, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Marzu 2002 u dawk tal-mandat ta’ qbid numru 1034/02JA, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**